MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2007

Numru. 689/2003

**Il-Pulizija**
**(Spt. Raymond D‘Anastas)**

**v**

**Peter Caruana ta’ 34 sena, iben Alfred u Mary Rose k/a Rosette nee Pizzuto, imwieled Sliema fid-19 ta‘ Mejju, 1969 u residenti 110. Triq Ponsomby, Gzira**
**u detentur tal-karta ta‘ l-identita‘ bin-numru 226269 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Peter Caruana li gie akkuzat talli fil-31 ta‘ Awissu, 2001 u fil-granet ta‘ wara, fil-Bank of Valletta ta‘ Haz-Zebbug:

(a) Ikkommetta serq ta‘ Cashlink Card u Lm 40.00 fi flus konanti u dan billi ghamel uzu ta’ l-istess Cashlink Card tal-Bank of Valletta f’isem Carmelo Camilleri, liema serq sar ghad-detriment tal-imsemmi Carmelo Camilleri kif ukoll ghal Bank of Valletta;
(b) Ghamel uzu ta‘ ismijiet foloz, jew ta‘ kwalifiki foloz, jew billinqeda b’qeqr iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta‘ intraprizi foloz, jew ta‘ hla, setgha fuq haddiehor, jew ta‘ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew bizgha dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ghad-detriment ta‘ Carmelo Camilleri tal-BOV, u persuni ohra u dan bi ksur tal-artikoli 308, 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.
(c) Xjentement laqa‘ ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b’qerq jew akkwsitati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Ikkonsidrat

Illi xehed Carmel Camilleri dwar il-fatt li huwa kien wara li gibed l-istatement bil-cashlink BOV mill-ATM ta‘ l-istess bank, nesa jigbed il-card li uza. Dan gara fil-fergha tal-Bank of Valletta Haz-Zebbug. Xi jiema wara nduna bin-nuqqas tal-card, mar il-bank fejn gie nfurmat li kienet instabet. Meta vverifika l-istatement rrizulta li kellu erbghin lira Maltin (Lm 40) neqsin il-gurnata li naqset il-card.

Min-naha tieghu il-bank ipprezenta video u ritratti tas-sekwenza skond huma relevanti ghall-kaz in dizamina.

B‘dan il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha.

Illi mill-istills esebiti jirrizulta illi bejn il-hin li Carmelo Camilleri utilizza l-ATM u l-hin li suppost saret dik li l-bank qed isejjah “fraudulent withdrawal“ ghaddew biss tnejn u erbghin sekonda, b’dan ghalhekk illi jitfa‘ suspett fuq il-persuna li qeghda fit-tieni still.

L-akkuzat ex admissis jammetti li hu fil-fatt sab card u kif jirrizulta mir-raba‘ still ohrajn li rritornaha lill-bank.

Illi frankament zbaljat il-Prosekuzzjoni illi strahet biss fuq l-istills esebiti ghad dawn ma jurux il-kwadru komplet ta‘ dak li gara, oltre hekk il-Qorti lanqas biss tista‘ tiddistingwi b’mod car li l-persuna fit-tieni stilll hija l-imputat. Lanqas ma giet esebita l-ahjar prova li turi l-allegat withdrawal ta‘ Lm 40 u cioe l-istatement.

Ghaldaqstant fid-dawl ta‘ dawn il-karenzi qeghda tillibera lil Peter Caruana mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------